NATIONAL BOWELCANCER SCREENING PROGRAM

Australian Government

<Date> Numru ta' l-Identità <Consumer ID>

<Participant Given Name> < Participant Family Name >
<Preferred Mailing Address>
<Preferred Mailing Address >
<LOCALITY> <STATE> <POSTCODE>

Għażiż/a <Participant Given Name> < Participant Family Name >

Kont taf li madwar 80 Awstraljan/a jmutu kull ġimgħa bil-kanċer fil-musrana? Il-kanċer fil-musrana huwa wieħed mill-iktar kanċrijiet komuni fl-Awstralja, speċjalment għan-nies li għandhom 'l fuq minn 50. L-aħbar it-tajba hija li hemm test sempliċi li inti tista' tagħmel f'darek li jista' jsib minn kmieni s-sinjali tal-kanċer fil-musrana.

Dan it-test jista' jsib kwantitajiet żgħar ta' demm fl-ippurgar tiegħek. Dan jista' jkun sinjal ta' anormalità jew kanċer fil-musrana u jekk jinstab minn kmieni jista jkun iktar ħafif biex ikun ikkurat b'suċċess.

Il-Gvern Awstraljan introduċa l-Programm Nazzjonali ta' l-Iskrining tal-Kanċer fil-Musrana għan-nies li jagħlqu 50, 55 u 65 sena bejn Jannar 2008 u Diċembru 2010 biex jgħin ħalli jitnaqqas in-numru ta' l-Awstraljani li jmutu ta' kull sena bil-kanċer fil-musrana.

Pakket ta' stedina li jinkludi il-kit tat-test bl-istruzzjonijiet u ktejjeb ta' l-informazzjoni se jintbagħtlek fil-ftit ġimgħat li ġejjin. It-test huwa mingħajr ħlas u biex tagħmel it-test tieħu ftit minuti darbtejn f'ħin differenti. Ir-riżultat tat-test ikun għal kollox konfidenzjali għalik u jekk tinnominah, għat-tabib tiegħek.

Tħejjew arranġamenti speċjali biex ir-Reġistru jagħżel ismek jew mir-rekords tal-membri tal-Medicare jew mill-fajl tad-Dipartiment ta' l-Affarijiet tal-Veterani biex joħroġ din l-ittra u jistiednek biex tieħu sehem fil-Programm. L-informazzjoni personali tiegħek- bħal ismek, id-dettalji ta' kuntatt, l-età, is-sess, in-numru tal-Medicare, r-riżultati tat-testijiet ta' l-iskrining tiegħek u isem it-tabib tiegħek – huma protetti mil-liġi skond l-Att dwar il-Privatezza ta' l-1988.

Il-kanċer fil-musrana jista' jiżviluppa bi ftit, jew xejn, sinjali ta' twissija, għalhekk jekk jogħġbok sib ħin biex taqra l-informazzjoni fil-pakkett ta' l-istedina meta tirċeviha, billi is-sejba minn kmieni hija l-aħjar protezzjoni li għandna bħalissa fil-ġlieda kontra l-kanċer fil-musrana.

Jekk inti diġa qed tkun ikkurat/a għall-kanċer fil-musrana jew għandek xi kundizzjoni tas-saħħa li t-tabib tiegħek jgħid li tista' tkun affettwata jekk tieħu sehem fil-Programm, tista' tagħżel li ma tieħux jew tissospendi s-sehem tiegħek fil-programm billi timla l-Formola tar-Rifjut/Sospensjoni li ssib fil-ktejjeb ta' l-informazzjoni li jiġi mal-pakkett ta' l-istedina.

Nittama li tiddeċidi li tieħu sehem f'dan il-Programm importanti.

Għoddni tiegħek

**Professur John Horvath AO**
**Uffiċjal Mediku Prinċipali**

NBCSR XXX